MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 324/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Visnja Kanoti Cali**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' mitejn sebgha u sebghin ewro u disgha u ghoxrin centezmi (€277.29) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi telefonici numri 21312818 u 21313333 skont kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba mmarkat Dok A.

Illi l-konvenuta nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza .

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe' mis-16 t' April, 2009 kontra l-konvenuta li minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-attti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li l-konvenuta naqset milli tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tat-12 ta’ Lulju, 2010 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------